31997D0810

5.12.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 334/14

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL ta' l-10 ta' Novembru ta' l-1997 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Lao

(97/810/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, partikolarment l-Artikoli 113 u 130y, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi, skond l-Artikolu 130u tat-Trattat, il-politika tal-Komunità fil-qasam tal-koperazzjoni ta' l-Iżvilupp għandha tkattar żvilupp, kemm ekonomiku kif ukoll soċjali, f'dawk il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali ta' l-istess, u t-taffija tal-faqar f'dawn il-pajjżi.

Billi l-Komunità għandha tapprova l-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Lao, fil-mira tagħha għall-dawk l-għanijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet esteri,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Lao huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika kif previst fl-Artikolu 21 tal-Ftehim. ([3]).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Kumitat Konġunt skond l-Artikolu 14 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 10 ta' Novembru ta' l-1997.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

J. POOS

---

([1]) ĠU C 109, tat-8.4.1997, p. 8.
([2]) ĠU C 325, tas-27.10.1997.

([3]) Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.